# L-Ewwel Għajnuna

## Ewropea



għat-tfal ta' bejn 5 u 7 snin

żviluppat minn Johanniter International

**Imprint**

**Ippubblikat minn** Johanniter International ASBL ▪ Intrapriżi tal-Ordnijiet ta' San Ġwann ▪ Triq Joseph II, 166, 1000 Brussell
Telefon +33 2 282 1045 ▪ join.office@johanniter.org ▪ www.johanniter.org ▪ Reġistrat fil-Belġju (ASBL)

**Editur** Johanniter International ▪ **Illustration** Herwig Holzmann ▪ **Tqassim u disinn** Mag. Julia Kadlec ▪ 08/2021

# Il-Ġurnata ta’ Sam

Hello, Jien Sam. Għandi sebà snin.

Inthom diġà ltqajtu ma’ oħti, Alex.





Illum oħti marret tgħum il-pixxina, mal-papà.

Jiena bqajt id-dar ngħin lill-mamà, għax kienet qed tħossha ma tiflaħx.



Jien inħobb ngħinha lill-mamà!





Il-mamà kienet mimduda fuq is-sufan. Ħdejha kien hemm il-qattus tagħna, Tiger.

Mort inġibilha tazza ilma.

X'ħin ħadtilha l-ilma, il-mamà kienet qed tieħu ħafna nifsijiet mgħaġġla. Vera kont inkwetat.



“Sam, tista’ tmur iġġibli l-inhaler

jekk jogħġbok?”

Kellha nifisha vera maqtugħ!

“Wara li nieħu l-inhaler inħossni

vera aħjar,” qaltli.



Il-mamà żżomm l-inhaler ġol-basket tagħha.

Kont naf li l-basket kien fil-kċina, u mort inġibu.

## Inti tista’ tarah l-inhaler?



Tajt l-inhaler lill-mamà.

Għafset l-inhaler f'ħalqha u ħadet

nifs kbir il-ġewwa.

Wara ftit qaltli li diġà kient qed

tħossha ħafna aħjar.





"Għandi l-ażma," qaltli l-mamà.

"Dan l-inhaler vera jgħini."

"Jekk xi darba ma jgħinix, taf

x'għandek tagħmel?"

"Mela, naf x'għandi nagħmel,"

għidtilha.

"Inċempel għall-ambulanza!"

**X'inhu in-numru li għandek iċċempel għall-ambulanza?**



Il-mamà qaltli li talli għentha,

issa nistgħu mmorru il-pixxina, u

niltaqgħu mal-papà u ma' Alex.



**Kultant, waqt xi emerġenza, xi adult jista' jgħidlek biex tgħinu jieħu xi mediċina li tkun tiegħu. Ftakar li qadt ma għandek tilgħab bil-mediċini!**

Il-mamà u jien tlaqna l-pixxina. Wasalna!

## Tista tara xi affarijiet li jistgħu ikunu ta' periklu f'din l-istampa?





Vera ħadna gost!

Fil-għaxija il-papà qalilna, “Tfal, ħa ngħidilkom x’nagħmlu. Ejja mmorru nieklu ġo restorant.”

Morna s-suq li hawn fil-viċin. Hemm ħafna postijiet fejn tistà tiekol tajjeb hemm.

Aħna u sejrin, waqaft nittawwal ġo vetrina ta' ħanut tal-ġugarelli.






X'ħin dort lura, il-mamà, il-papà u Alex ma kienux hemm!

Ittawwalt kullimkien madwari, imma ma stajt insibhom imkien.



Vera kont imbeżża, imma ftakart x’dejjem għalmitni l-mamà.





Allura, ittawwalt madwari biex insib lil xi persuna li nista’ nafda biex tgħinni.

Sibt ir-reception desk, fejn kien hemm mara li setgħat tgħinni. Kienet vera ġentili, staqsietni jekk għandix bżonn xi għajnuna.



Jien għidtilha, "Ma nistax insib lill-mamà u lill-papà!"

"Ma nafx x'ser naqbad nagħmel!"





Ir-receptionist għamlet avviż:

"Il-ġenituri ta' Sam jiġu r-reception desk jekk jogħġobhom."

Fi ftit mumenti il-mamà, il-papà u Alex kienu hemm.

Vera kont kuntent malli rajthom!





Fl-aħħar, tlaqna kollha f'daqqa biex nieklu ġewwa r-restorant.

Il-mamà staqsietni, "Jekk terġa tinitilef, lil min għandek titlob għall-għajnuna?"

**Int lil min taħseb li għandek issaqsi għall-għajnuna jekk tintilef?**
**Ikteb jew pinġi l-eżempji tiegħek hawn.**



Il-papà qal, “L-aħjar li tistaqsi huma nies li jkunu lebsin uniformi.”

**Dawn huma xi eżempji ta’ nies li jistgħu jgħinuk:**



Lifeguard



Pulizija



Tal-ħanut



Receptionist



Firefighter




Security guard



Ta’ l-ambulanza

Dak inhar very kilna ikle tajjeb, bnin u sustanzjuż!

**X’taħseb li kiel Sam?**
**Penġi stampa ta’ l-ikel li taħseb li Sam kellu fil-platt.**



Vera ħadna gost il-pixxina u r-restorant dak inhar!

Fil-għaxija, x'ħin dħalna fis-sodda, jien irqadt isni ġebla!



# Dwar JOIN

Johanniter International (JOIN) hija s-sħubija tal-erba' Ordnijiet protestanti ta› San Ġwann u l-organizzazzjonijiet karitattivi nazzjonali tagħhom. L-organizzazzjonijiet membri tagħna li huma bbażati fl-Ewropa u l-Lvant Nofsani, jaħdmu f›kooperazzjoni bejniethom u huma appoġġati minn aktar minn 100,000 voluntier. Huma jservu lill-umanità permezz ta' servizzi mediċi u tal-ewwel għajnuna, kura soċjali, għajnuna internazzjonali, għajnuna f›diżastri u xogħol fost iż-żgħażagħ. Is-servizzi tal-organizzazzjonijiet membri ta' JOIN huma miftuħa għal kulħadd. Fil-qalba tal-valuri tagħna hemm il-wirt Nisrani tagħna li jnebbaħ ħidmietna.

L-uffiċċju ċentrali ta' JOIN fi Brussell jippromwovi l-interessi tal-organizzazzjonijiet karitattivi tal-Ordnijiet ta' San Ġwann fl-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali u jiffaċilita wkoll il-proġetti internazzjonali u l-gruppi ta' ħidma tagħhom.

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattja l-uffiċċju tagħna fi Brussell fuq join.office@johanniter.org jew www.johanniter.org.**




johanniter international